MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 69/2009

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Margot Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' disgha mija u disgha u erbghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€949.59) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1024300 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficcjali tat-30 ta' Ottubru, 2008 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-Att, dawk ta` l-ittra uficcjali lil

banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fit-12 ta' Marzu, 2009 mill-Prokuratur Legali Peter Sammut u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------